



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

12.1.2012

B7-0001/2012

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI

imressqa skont l-Artikolu 183 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar is-saħħa numerika tal-kumitati

Konferenza tal-Presidenti

RE\888880MT.doc

PE479.438v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-saħħa numerika tal-kumitati

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Konferenza tal-Presidenti,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tiegħu tal-15 ta' Lulju 2009¹ u tal-14 ta' Diċembru 2011² dwar is-saħħa numerika tal-kumitati parlamentari,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 183 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Iddeċieda li jemenda n-numru ta' membri tal-kumitati parlamentari kif ġej:

- C01. Kumitat għall-Affarijiet Barranin: 76 membru
- C02. Kumitat għall-Iżvilupp: 30 membru
- C03. Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali: 31 membru
- C04. Kumitat għall-Baġits: 43 membru
- C05. Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit: 30 membru
- C06. Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji: 48 membru
- C07. Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali: 49 membru
- C08. Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel: 69 membru
- C09. Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija: 61 membru
- C10. Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur: 41 membru
- C11. Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu: 47 membru
- C12. Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali: 50 membru
- C13. Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali: 44 membru
- C14. Kumitat għas-Sajd: 25 membru
- C15. Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni: 31 membru
- C16. Kumitat għall-Affarijiet Legali: 25 membru

¹ Testi adottati, P7_TA(2009)0001.

² Testi adottati, P7_TA-PROV(2011)0571.

- C17. Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern: 60 membru
- C18. Kumitati għall-Affarjiet Kostituzzjonali: 24 membru
- C19. Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi: 35 membru
- C20. Kumitat għall-Petizzjonijiet: 35 membru,

u li jemenda n-numru ta' membri tas-sottokumitati parlamentari kif ġej:

SC01A. Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem: 31 membru

SC01B. Sottokumitat għas-Sigurtà u d-Difiża: 31 membru;

2. Iddeċieda, b'referenza għad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tad-9 ta' Lulju 2009 dwar il-kompożizzjoni tal-Bureaux tal-Kumitati, li l-Bureaux tal-Kumitati jista' jkollhom sa erba' viċi-presidenti;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.